MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2011

Numru 1177/2008

Il-Pulizija
(Spettur Trevor Micallef)

vs

Don Axiaq

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 127582M, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Awissu 2008 u diversi xhur qabel:

1. xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda, b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew b'kull mod indahal biex imexxihom jew ibieghhom.
2. kiser ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' nhar is-7 ta' Lulju 2008, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

3. rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu mixli b'ricettazzjoni u li kiser Ordni ta' Probation. Fil-kors tat-trattazzjoni hu ilmenta bl-istqarrijiet li jinsabu esebiti fil-bidu tal-process liema jsostni huma inamissibbli bhala prova u kwindi l-Qorti ghandha tordna l-isfilz taghhom. Fost l-istqarrijiet hemm dik tal-imputat li minghajr dubbju hi 'prima facie' ammissibli; però in kwantu l-istqarrijiet l-ohra l-imputat ghandu ragun u konsegwentement il-Qorti qeghdha tordna l-isfilz taghhom.

In kwantu r-ricettazzjoni mill-provi in atti kuwa assodat li l-oggetti misjuba u elevati kienu fost dawk li precedentement kienu nsterqu mill-istabbiliment 'Tigulio'. Issa l-imputat ghazel li ma jixhidtx pero' mal-Pulizija kien stqarr fil-kors tal-interrogatorju tieghu li l-oggetti in kwistjoni kien gie fil-pussess taghhom fil-kors ta' xi xoghol ta' sbarrazzar li ghalih kien gie inkarigat u li kien hadhom bil-kunsens ta' minn kien qabdu. Fid-dawl tal-provi, anke tal-persuna li l-imputat sqtarr li inkarigatu, dan ghandu mill-inverosimili. Il-fatti kif fehmithom il-Qorti huma li l-oggetti misruqin kienu nsterqu kif fuq jinghad, u l-Pulizija kienet irnexxilha tasal ghall-imputat dwar li kien hu li bieghhom lis-sid il-hanut fejn instabu. Din il-Qorti ghalhekk m'ghandhiex l-icken dubbju li b'daqshekk l-imputat irrenda ruhu hati ta' ricettazzjoni. Dan hu hekk anka ghaliex il-provi huma dawk li huma u l-imputat li ghazel is-silenzju qatt ma cahadhom u fil-verita' kien ikun wisq difficili ghalih

li jeghleb, anki fuq bazi tal-probabbli, il-provi li l-prosekuzzjoni resqet.

Dwar il-valur tar-refurtiva mill-provi ghandu jirrizulta li l-oggetti jiswew il-fuq minn €232.93 izda mhux izjed minn €2,329.

Kwantu ghat-tieni imputazzjoni li titratta l-ksur ta' ordni ta' probation din tirrizulta wisq car, mis-sentenza esebita li nghatat kontra l-imputat fis-7 ta' Lulju 2008 appena xahar qabel ma gie akkuzat bl-odjerni akkuzi. Ta' minn josserva pero' li t-twettiq tar-reat ippreceda dawk odjerni. Minhabba f'hekk, sentenza ta' prigunerija effettiva mhiex rakkomandabbli fid-dawl anka tal-fedina penali tal-imputat.

Inghad dan, issib l-imputat hati tal-akkuzi riportati kontra tieghu. Rat l-Artikolu 334 u 261(c), 267, 279(a) u billi l-Qorti mhux prekluza li tapplika provvediment ta' probation mill-gdid fuq l-imputat, wara li rat l-Artikolu 23(1)(a) u 7 tal-Kap 446, tpoggih taht ordni ta' probation ossija ordni li jitqieghed taht sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghall-perjodu ta' sentejn mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------